



Kunsill Ewropew

Brussell, 29 ta' April 2017
(OR. en)

EUCO XT 20004/17

BXT 10
CO EUR 5
CONCL 2

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew (Art. 50) (29 ta' April 2017) - Linji gwida

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-linji gwida adottati mill-Kunsill Ewropew¹ fil-laqgħa msemija hawn fuq, wara n-notifika mir-Renju Unit skont l-Artikolu 50 TUE.

¹ Wara n-notifika skont l-Artikolu 50 TUE, il-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta l-Istat Membru li jkun hieġ m'għandux jieħu sehem fid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew fid-deċiżjonijiet li jikkonċernawh.

LINJI GWIDA WARA N-NOTIFIKA MIR-RENU UNIT SKONT L-ARTIKOLU 50 TUE

Fid-29 ta' Marzu 2017, il-Kunsill Ewropew irċieva n-notifika mir-Renju Unit tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea u l-Euratom. Dan jippermetti l-ftuħ ta' negozjati kif previsti fit-Trattat.

L-integrazzjoni Ewropea għabet il-paċi u l-prosperità fl-Ewropa u ppermettiet livell u portata ta' kooperazzjoni mingħajr preċedenti rigward materji ta' interess komuni f'dinja f'evoluzzjoni rapida. Għaldaqstant, l-oġettiv ġenerali tal-Unjoni f'dawn in-negozjati ser ikun il-preservazzjoni tal-interessi tagħha, dawk taċ-ċittadini tagħha, tan-negozji tagħha u tal-Istati Membri tagħha.

Id-deċiżjoni tar-Renju Unit li jħalli l-Unjoni toħloq inċertezzi sinifikanti li potenzjalment jikkawżaw tfixkil, b'mod partikolari fir-Renju Unit imma wkoll, flivell inqas, fi Stati Membri oħra. Iċ-ċittadini li bnew hajtjom abbażi tad-drittijiet li jirriżultaw mis-sħubija Brittanika fl-UE qed jiffaċċjaw il-prospett li jtilfu dawk id-drittijiet. In-negozji u partijiet ikkonċernati oħrajn ser jtilfu l-prevedibbiltà u ċ-ċertezza li d-dritt tal-UE jgħib miegħu. Ser ikun hemm impatt ukoll fuq l-awtoritajiet pubbliċi. F'dan il-kuntest, jinħtieġ li nipproċedu b'approċċ f'fażijiet u nagħtu prijorità lil ħruġ ordnat. L-awtoritajiet nazzjonali, in-negozji u partijiet ikkonċernati oħra għandhom ilkoll jieħdu l-passi meħtieġa biex iħejju għall-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit.

Matul dawn in-negozjati l-Unjoni ser tibqa' unita u taġixxi bħala entità waħda bil-għan li jintlaħaq riżultat li jkun ġust u ekwu għall-Istati Membri kollha u fl-interess taċ-ċittadini tagħha. Ser tkun kostruttiva u tagħmel hilita biex jinstab ftehim. Dan hu fl-aħjar interess taż-żewġ partijiet. L-Unjoni ser tistinka biex tasal għal dak ir-riżultat, imma ser tipprepara ruħha biex tkun tista' timmaniġġa s-sitwazzjoni anke f'każ li n-negozjati jfallu.

Dawn il-linji gwida jiddefinixxu l-qafas għan-negozjati skont l-Artikolu 50 TUE u jiddeterminaw il-pożizzjonijiet u l-prinċipji ġenerali li l-Unjoni ser issegwi matul in-negozjati. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' pożittivament ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2017. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' jsegwi permanentement il-kwistjoni, u ser jaġġorna dawn il-linji gwida matul in-negozjati kif meħtieġ. Id-direttivi ta' negozjati ser jiġu aġġustati skont dan.

I. PRINĊIPJI FUNDAMENTALI

1. Il-Kunsill Ewropew ser ikompli jibbaża fuq il-prinċipji mniżżla fid-dikjarazzjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern u tal-Presidenti tal-Kunsill Ewropew u tal-Kummissjoni fid-29 ta' Ġunju 2016. Itenni x-xewqa tiegħu li jkollu r-Renju Unit bħala sieħeb qrib tiegħu fil-futur. Itenni wkoll li kwalunkwe ftehim mar-Renju Unit irid ikun ibbażat fuq bilanċ ta' drittijiet u obbligi, u jrid jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti għal kulħadd. Il-preservazzjoni tal-integrità tas-Suq Uniku teskludi l-parteċipazzjoni bbażata fuq approċċ skont is-settur. Pajjiż li mhuwiex membru tal-Unjoni, li ma għandux l-istess obbligi ta' membru, ma jistax ikollu l-istess drittijiet u jgawdi mill-istess benefiċċji ta' membru. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' pożittivament il-fatt li l-Gvern Brittaniku rrikonoxxa li l-erba' libertajiet tas-Suq Uniku huma indiviżibbli u li ma jistax ikun hemm min jagħżel biss dak li jaqbilla. L-Unjoni ser tippreserva l-awtonomija tagħha fir-rigward tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha kif ukoll ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
2. In-negozjati skont l-Artikolu 50 TUE ser jitmexxew bi trasparenza u bħala pakkett wieħed. F'konformità mal-prinċipju li xejn mhu miftiehem sakemm kollox ikun miftiehem, ma jistax ikun hemm ftehim separat rigward elementi individwali. L-Unjoni ser tersaq għan-negozjati b'pożizzjonijiet unifikati, u ser tiddjaloga mar-Renju Unit esklużivament bil-mezzi determinati f'dawn il-linji gwida u fid-direttivi ta' negozjati. Sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni ma tiddgħajjifx, mhux ser isiru negozjati separati bejn Stati Membri individwali u r-Renju Unit dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.
3. Il-prinċipji fundamentali mniżżla hawn fuq għandhom japplikaw bl-istess mod għan-negozjati dwar ħruġ ordnat, għal kull diskussjoni preliminari u preparatorja dwar il-qafas għal relazzjoni futura, u għal kull forma ta' arranġamenti transizzjonali.

II. APPROĊĊ F'FAŻIJET GĦAN-NEGOZJATI

4. Fid-data tal-ħruġ, it-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit, għall-pajjiżi u t-territorji barranin tiegħu li attwalment huma assoċjati mal-Unjoni, u għat-territorji li r-relazzjonijiet esterni tagħhom huma r-responsabbiltà tar-Renju Unit. L-iskop prinċipali tan-negozjati ser ikun li jiżgura l-ħruġ ordnat tar-Renju Unit b'mod li titnaqqas l-inċertezza u, sa fejn possibbli, jiġi minimizzat it-tfixkil ikkawżat minn din il-bidla f'daqqa.

Għal dak l-għan, l-ewwel fażi tan-negozjati ser ikollha bħala mira li:

- tingħata kemm jista' jkun ċarezza u ċertezza tad-dritt liċ-ċittadini, lin-negozji, lill-partijiet ikkonċernati u lis-sħab internazzjonali dwar l-effetti immedjati tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni;
- jiġi solvut kif ir-Renju Unit ser jinħall mill-Unjoni u mid-drittijiet u l-obbligi kollha tiegħu li jirriżultaw mill-impenji meħuda bħala Stat Membru.

Il-Kunsill Ewropew ser isegwi l-progress mill-qrib u ser jiddetermina jekk ikunx sar progress biżżejjed biex in-negozjati jkunu jistgħu jipproċedu għall-fażi li jmiss.

5. Filwaqt li ftehim dwar relazzjoni futura bejn l-Unjoni u r-Renju Unit bħala tali ma jistax jiġi konkluż u finalizzat qabel ma r-Renju Unit ikun sar pajjiż terz, l-Artikolu 50 TUE jirrikjedi li fl-arranġamenti għall-ħruġ għandu jittieħed kont tal-qafas tar-relazzjonijiet futuri tiegħu mal-Unjoni. Għal dan il-għan, matul tieni fażi tan-negozjati skont l-Artikolu 50 għandu jiġi identifikat fehim ġenerali dwar il-qafas għar-relazzjonijiet futuri. Ninsabu lesta li nidħlu f'diskussjonijiet preliminari u preparatorji għal dan il-għan fil-kuntest tan-negozjati skont l-Artikolu 50 TUE, hekk kif il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi li jkun sar biżżejjed progress fl-ewwel fażi lejn ftehim sodisfaċenti dwar l-arranġamenti għal ħruġ ordnat.

6. Sal-punt neċessarju u legalment possibbli, in-negozjati jistgħu wkoll jipprovaw jiddeterminaw arranġamenti transizzjonali li jkunu fl-interess tal-Unjoni u, kif opportun, joħolqu pontijiet li jwasslu għall-qafas prevedibbli għar-relazzjoni futura fid-dawl tal-progress miksub. Kwalunkwe arrangement transizzjonali bħal dan irid ikun definit b'mod ċar, limitat fiż-żmien, u soġġett għal mekkaniżmi effettivi ta' infurzar. Jekk tiġi kkunsidrata estensjoni limitata fiż-żmien tal-acquis tal-Unjoni, ikun hemm bżonn li japplikaw l-istrutturi u l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni fil-kamp regolatorju, baġitarju, superviżorju, ġudizzjarju u tal-infurzar.
7. Il-perijodu ta' sentejn stipulat fl-Artikolu 50 TUE jintemm fid-29 ta' Marzu 2019.

III. FTEHIM DWAR L-ARRANĠAMENTI GĦAL ĦRUĠ ORD NAT

8. Id-dritt taċ-ċittadini kollha tal-UE, u tal-membri tal-familji tagħhom, li jgħixu, jaħdmu jew jistudjaw fi kwalunkwe Stat Membru tal-UE hu aspett fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Flimkien ma' drittijiet oħra previsti fid-dritt tal-UE, dan sawwar il-ħajjiet u l-għażliet ta' miljuni ta' nies. Qbil dwar garanziji reċiproċi biex jiġiharsu l-istatus u d-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-UE fid-data tal-ħruġ taċ-ċittadini tal-UE u tar-Renju Unit, u l-familji tagħhom, li jkunu affettwati bil-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni ser ikun l-ewwel prijorità għan-negozjati. Dawk il-garanziji jridu jkunu effettivi, infurzabbli, nondiskriminatorji u komprensivi, inkluż id-dritt tal-kisba ta' residenza permanenti wara perijodu kontinwu ta' ħames snin ta' residenza legali. Iċ-ċittadini għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom permezz ta' proċeduri amministrattivi sempliċi u bla xkiel.
9. Barra dan, il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni ser ikollu impatt fuq impriżi tal-UE li jinnegozjaw mar-Renju Unit u li joperaw fir-Renju Unit, kif ukoll fuq impriżi tar-Renju Unit li jinnegozjaw mal-Unjoni u li joperaw fl-Unjoni. Bl-istess mod, jista' jaffettwa wkoll lil min ikkonkluda kuntratti u arranġamenti kummerċjali jew li jieħu sehem fi programmi ffinanzjati mill-UE abbażi tas-suppożizzjoni li r-Renju Unit jibqa' membru tal-UE. In-negozjati għandhom jipprovaw jevitaw vojt ġuridiku ladarba t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit u, kemm jista' jkun, jindirizzaw l-inċertezzi.

10. Saldu finanzjarju wieħed - inkluż kwistjonijiet li jirriżultaw mill-QFP kif ukoll dawk relatati mal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) - għandu jiżgura li kemm l-Unjoni kif ukoll ir-Renju Unit jirrispettaw l-obbligi li jirriżultaw mill-perijodu kollu tas-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni. Is-saldu għandu jkopri l-impenji kollha kif ukoll l-obbligazzjonijiet, inkluż l-obbligazzjonijiet kontinġenti.
11. L-Unjoni appoġġat b'mod konsistenti l-oġettiv ta' paċi u rikonċiljazzjoni minqux fil-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira fil-partijiet kollha tiegħu, u t-tkomplija tal-appoġġ u l-protezzjoni tal-kisbiet, il-benefiċċji u l-impenji tal-Proċess ta' Paċi ser tibqa' ta' importanza assoluta. Fid-dawl taċ-ċirkostanzi uniċi fil-gżira tal-Irlanda, ser ikunu meħtieġa soluzzjonijiet flessibbli u immaġinattivi, inkluż l-għan li tiġi evitata fruntiera fiżika, waqt li tiġi rrispettata l-integrità tal-ordni legali tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, l-Unjoni għandha wkoll tirrikonoxxi l-ftehimiet u l-arranġamenti bilaterali eżistenti bejn ir-Renju Unit u l-Irlanda li huma kompatibbli mad-dritt tal-UE.
12. L-Unjoni għandha taqbel mar-Renju Unit dwar l-arranġamenti fir-rigward taż-Żoni ta' Bażi Sovrana tar-Renju Unit f'Ċipru u tirrikonoxxi f'dak ir-rigward il-ftehimiet u l-arranġamenti bilaterali bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u r-Renju Unit li huma kompatibbli mad-dritt tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħarsien tad-drittijiet u l-interessi ta' dawk iċ-ċittadini tal-UE li huma residenti jew li qed jaħdmu fiż-Żoni ta' Bażi Sovrana.
13. Wara l-ħruġ, ir-Renju Unit ma jibqax kopert bi ftehimiet konklużi mill-Unjoni jew mill-Istati Membri li jaġixxu f'isimha jew mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jaġixxu flimkien. L-Unjoni ser ikompli jkollha d-drittijiet u l-obbligi tagħha fir-rigward ta' ftehimiet internazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jistenna li r-Renju Unit jonora s-sehem tiegħu tal-impenji internazzjonali kollha li daħal għalihom fil-kuntest tas-sħubija tiegħu fl-UE. F'każijiet bħal dawn, għandu jkun hemm dialogu konstruttiv mar-Renju Unit dwar approċċ komuni possibbli lejn pajjiżi terzi sħab, organizzazzjonijiet internazzjonali u konvenzjonijiet ikkonċernati.

14. Il-ftehim dwar il-ħruġ ikun jeħtieġ jindirizza wkoll kwistjonijiet potenzjali li jirriżultaw mill-ħruġ f'oqsma oħra ta' kooperazzjoni, inkluż kooperazzjoni ġudizzjarja, infurzar tal-liġi u sigurtà.
15. Filwaqt li l-post futur tas-sedi tal-aġenziji u l-faċilitajiet tal-UE li jinsabu fir-Renju Unit hija kwistjoni li trid tiġi solvuta malajr mis-27 Stat Membru, għandhom jinstabu arranġamenti biex jiġi ffaċilitat it-trasferiment tagħhom.
16. Għandhom jinstabu arranġamenti li jiżguraw iċ-ċertezza tad-dritt u t-trattament ugwali għall-proċeduri ġudizzjarji kollha pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fid-data tal-ħruġ li jinvolvu lir-Renju Unit jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi fir-Renju Unit. Il-qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha tibqa' kompetenti li tiddeċiedi dwar dawn il-proċeduri. Bl-istess mod, għandhom jinstabu arranġamenti għall-proċeduri amministrattivi pendenti quddiem il-Kummissjoni Ewropea u l-aġenziji tal-Unjoni fid-data tal-ħruġ li jinvolvu lir-Renju Unit jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi fir-Renju Unit. Barra minn hekk, għandhom ikunu previsti arranġamenti għall-possibbiltà li proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji jinbdew wara l-ħruġ għal fatti li jkunu seħħew qabel id-data tal-ħruġ.
17. Il-ftehim dwar il-ħruġ għandu jkun fih mekkaniżmi adatti għas-soluzzjoni tat-tilwim u għall-infurzar rigward l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-ftehim dwar il-ħruġ, kif ukoll tal-arranġamenti istituzzjonali debitament ċirkoskritti li jippermettu l-adozzjoni ta' miżuri neċessarji biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet mhux previsti fil-ftehim dwar il-ħruġ. Dan għandu jsir filwaqt li jitqies l-interess tal-Unjoni li tipproteġi b'mod effettiv l-awtonomija tagħha u l-ordni legali tagħha, inkluż ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

**IV. DISKUSSIONIJET PRELIMINARI U PREPARATORJI DWAR QAFAS GĦAR-
RELAZZJONI FUTURA BEJN L-UNJONI U R-RENJU UNIT**

18. Il-Kunsill Ewropew jilqa' pożittivament u jikkondividi x-xewqa tar-Renju Unit li tiġi stabbilita sħubija mill-qrib bejn l-Unjoni u r-Renju Unit wara l-ħruġ tiegħu. Għalkemm relazzjoni bejn l-Unjoni u pajjiż li mhux Stati Membru ma tistax toffri l-istess benefiċċji bħas-sħubija fl-Unjoni, jibqa' fl-interess taż-żewġ partijiet li jkun hemm rabtiet qawwija u kostruttivi u li dawn jinkludu aktar minn sempliċi kummerċ.
19. Il-Gvern Brittaniku indika li mhuwiex ser ifittex li jibqa' fis-Suq Uniku, iżda li jixtieq jasal għal ftehim ta' kummerċ ħieles ambizzjuż mal-Unjoni Ewropea. Fuq il-bażi tal-interessi tal-Unjoni, il-Kunsill Ewropew jinsab lest li jibda ħidma lejn ftehim dwar il-kummerċ, li jiġi ffinalizzat u konkluż ladarba r-Renju Unit ma jkunx għadu Stat Membru.
20. Kwalunkwe ftehim ta' kummerċ ħieles għandu jkun bilanċjat, ambizzjuż u estensiv. Madankollu, dan ma jistax ikun ekwivalenti għall-parteciġipazzjoni fis-Suq Uniku jew fpartijiet minnu, għar-raġuni li dan jista' jdgħajjef l-integrità u l-funzjonament tajjeb tiegħu. Għandu jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti għal kulħadd, b'mod partikolari ftermini ta' kompetizzjoni u għajnuna mill-istat, u f'dan ir-rigward jinkludi salvagwardji kontra vantaġġi kompetittivi żleali li jirriżultaw, fost l-oħrajn, minn miżuri u prattiki fiskali, soċjali, ambjentali u regolatorji.
21. Kwalunkwe qafas futur għandu jħares l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni u jirrispetta s-sistema u l-istandards regolatorji u superviżorji tagħha u l-applikazzjoni tagħhom.
22. L-UE lesta biex tistabbilixxi sħubijiet f'oqsma mhux relatati mal-kummerċ, b'mod partikolari l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità internazzjonali, kif ukoll is-sigurtà, id-difiża u l-politika barranija.

23. Jinħtieġ li s-sħubija futura tinkludi mekkaniżmi adatti ta' infurzar u ta' soluzzjoni tat-tilwim li ma jaffettwawx l-awtonomija tal-Unjoni, b'mod partikolari l-proċeduri tagħha għat-teħid tad-deċiżjonijiet.
24. Wara li r-Renju Unit iħalli l-Unjoni, ebda ftehim bejn l-UE u r-Renju ma jista' japplika għat-territorju ta' Ġibiltà mingħajr qbil bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit.

V. PRINĊIPJU TA' KOOPERAZZJONI LEALI

25. Sal-mument li jħalli l-Unjoni, ir-Renju Unit jibqa' Membru sħiħ tal-Unjoni Ewropea, soġġett għad-drittijiet u l-obbligi kollha stipulati fit-Trattati u skont id-dritt tal-UE, inkluż il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali.
26. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi l-ħtieġa, fil-kuntest internazzjonali, li jittieħed kont tal-karatteristiċi speċifiċi tar-Renju Unit bħala Stat Membru li ħiereġ, dment li dan jirrispetta l-obbligi tiegħu u jibqa' leali lejn l-interessi tal-Unjoni waqt li jkun għadu Membru. Bl-istess mod, l-Unjoni tistenna li r-Renju Unit jirrikonoxxi l-ħtieġa tas-27 Stat Membru li jiltaqgħu u jiddiskutu kwistjonijiet relatati mas-sitwazzjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit.
27. Sakemm ir-Renju Unit jibqa' membru, jinħtieġ li l-ħidma kollha tal-UE li tkun għaddejja tibqa' tipproċedi kemm jista' jkun mingħajr xkiel bħala ħidma tat-28. Il-Kunsill Ewropew jibqa' kommess li jmexxi 'l quddiem b'ambizzjoni l-prioritajiet li l-Unjoni għamlet għaliha nfisha. In-negozjati mar-Renju Unit ser jinżammu separati mill-ħidma li tkun għaddejja tal-Unjoni, u ma għandhomx ifixklu l-progress ta' din il-ħidma.

VI. ARRANĠAMENTI PROĊEDURALI GĦAN-NEGOZJATI SKONT L-ARTIKOLU 50

28. Il-Kunsill Ewropew japprova l-arranġamenti deskritti fid-dikjarazzjoni tas-27 Kap ta' Stat jew ta' Gvern fil-15 ta' Diċembru 2016.